– FTEHIM DWAR BEJGH-U-XIRI TA' VETTURA B'CERTU SPECIFIKAZZJONIJIET –
– KUNSINNA LI QATT MA SEHHET –
– TALBA GHAR-RIFUZJONI TAD-DEPOZITU MHALLAS AKKONT TAL-PREZZ –
– ECCEZZJONI TA' L-ILLEGITTIMITÀ ATTIVA –
– ART. 728(1) TAL-KODICI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROCEDURA CIVILI –
– ADEMPIMENT U INADEMPIMENT –
– ART. 1125 TAL-KODICI CIVILI –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Udjenza ta' nhar il-Hamis, 5 ta' Novembru, 2020**

Avviz tat-Talba numru: **586/2018**

**MELVIN BORG CONCRETE WORKS LIMITED**
[REG. NRU. C-37910]

***VERSUS***

**VENTUR MOTORS CENTRE CO. LIMITED**
[REG. NRU. C-29117]

B'Avviz tat-Talba mressaq fit-28 ta' Dicembru, 2018, l-attrici talbet li l-konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' elf ewro (€1,000.00c) u dan wara li ppremettiet hekk:

> ILLI, permezz ta' skrittura tat-30 t'Ottubru 2018 (DOK:A), il-kontendenti ftehmu li l-kumpannija konvenuta kellha tbiegh u tikkonsenja vettura partikolari, ossija Nissan NV200 Crew Cab (BK65CGU), skont specifikazzjonijiet partikolari li gew annessi mal-istess imsemmija skrittura, lill-kumpannija attrici, u dan versu l-prezz ta' €14,000.00 oltre l-VAT;
>
> ILLI, dak inhat tat-30 t'Ottubru 2018, il-kumpannija attrici hallset, lill-kumpannija konvenuta, s-somma ta' elf Ewro (€1,000.00) akkont tal-prezz ta' din il-vettura partikolari;
>
> ILLI, madanakollu, l-kumpannija konvenuta naqset milli tbiegh u milli tikkonsenja l-imsemmija vettura lill-kumpannija attrici skond kif imwieghed u pattwit u, addirittura, ammettiet mal-istess kumpannija attrici li tali bejgh ma jistax isir billi hija, ossija l-

kumpannija konvenuta, qatt ma kienet xtrat u akkwistat l-imsemmija vettura mill-esteru ghal dan l-iskop;

ILLI, minkejja s-suespost, il-kumpannija konvenuta qed tirrifjuta li tirrifondi d-depozitu msemmi ta' €1,000.00 lill-kumpannija attrici u, minflok, qed tippretendi li zzomm l-istess depozitu akkont tal-prezz ta' xi vettura ohra tal-ghazla tal-kumpannija attrici;

ILLI, madanakollu, dan m'huwiex accettabbli ghall-kumpannija attrici, billi d-depozitu in kwistjoni thallas akkont tal-prezz ta' vettura partikolari, u mhux akkont tal-prezz ta' xi vettura ohra;

ILLI, minkejja li l-kumpannija konvenuta giet interpellata, permezz t'ittra legal ital-5 ta' Dicembru, 2018, sabiex tirrifondi s-somma msemmija ta' €1,000.00 lill-kumpannija attrici, hija baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

ILLI ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

GHALDAQSTANT, tghid il-kumpannija konvenuta ghalfejn m'ghandux dan it-Tribunal, prevja kull dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportune, jikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas, lill-kumpannija attrici, s-somma ta' elf Ewro (€1,000.00) rapprezentanti d-depozitu li rciviet l-istess kumpannija konvenuta minghand il-kumpannija attrici fuq l-iskrittura tat-30 t'Ottubru 2018 kif hawn fuq spjegat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legal ital-5 ta' Dicembru, 2018, u bl-imghaxijiet, dekorribbli mit-30 t'Ottubru, 2018 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpannija konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Il-konvenuta giet notifikata bl-Avviz tat-Talba fit-12 ta' Jannar, 2019 (ara *pink card* relattiva mehmuza ma' *fol*. 10) u ressqet Risposta fil-11 ta' Frar, 2019 (*a fol*. 12)[1] fejn eccepiet hekk:

1. Illi l-allegazzjoni tas-socjetà attrici ma jistghux jregu stante l-illegittimità ta' l-attur;

2. Illi l-allegazzjonijiet tas-socjetà attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjez.

Il-provi tal-parti attrici gew konkluzi fl-udjenza tat-18 ta' Gunju, 2019,[2] filwaqt li dawk tal-parti konvenuta gew dikjarati maghluqa fl-udjenza tal-11 ta' Novembru, 2019[3] u t-Tribunal ha konjizzjoni ta' l-atti processwali intieri u kif ukoll ta' l-unici

---

[1] Ara verbal tal-udjenza tal-11 ta' Frar, 2019 (*a fol*. 11).
[2] Ara *a fol*. 44.
[3] Ara *a fol*. 53.

sottomissjonijiet da parti tal-parti attrici.[4] Fl-udjenza tal-11 ta' Novembru, 2019 il-procediment thalla ghad-decizjoni, illi qed tinghata illum.

It-Tribunal, ikkunsidra l-provi dokumentarji mressqa u anke dawk testimonjali u ra u ezamina l-atti kollha ta' dan il-process;

It-Tribunal jikkunsidra;

L-isfond fattwali ta' dan il-kaz jista' jigi deskritt hekk: l-attrici riedet takkwista minghand il-konvenuta vettura ta' ghamla specifika, cioè Nissan NV200 Crew Cab (BK65CGU), skont specifikazzjonijiet partikolari.[5] Ghal tali fini gie konkjuz ftehim datat 30 ta' Ottubru, 2018 u dakinhar gie mhallas lill-konvenuta depozitu akkont tal-prezz fl-ammont ta' €1,000.00c.[6] Tali vettura, sekonda man, kellha tingieb mill-esteru. Gara illi tali vettura qatt ma waslet Malta u ghalhekk qatt ma setat tigi mghoddija lill-attrici. Minhabba f'hekk, l-attrici trid lura d-depositu minnha mhallas minhabba l-inadempjenza tal-konvenuta li tikkunsinna dak mifthiem. Il-konvenuta topponi ghall-pretiza attrici billi ssostni li l-kontrattazzjoni *de quo* sehhet ma' Melvin Borg *in personam* u mhux mal-kumpannija attrici u ghalhekk tghid li l-kumpannija attrici m'ghandha l-ebda legittimità attiva li tkun parti attrici f'din il-kawza. Originarjament, il-konvenuta eccipiet ukoll illi t-talba attrici kienet fattwalment u legalment infondata, izda tali linja difensjonali specifika giet abbandunata mill-istess konvenuta fil-kors tal-proceduri.[7]

Brevement spjegat ix-xenarju fattwali tal-kontiza, f'dan l-istadju, hu doveruz li tigi investigata l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta illi hi ta' indole preliminari.

B'tali eccezzjoni preliminari l-konvenuta tikkwerela l-azzjoni ezercitata mill-kumpannija attrici fuq bazi procedurali, ossia li l-azzjoni kellha se mai titressaq minn Melvin Borg personalment u mhux mill-kumpannija li taghha huwa d-direttur.[8] Ir-raguni hija l'ghaliex il-ftehim konkjuz bejn il-kontendenti kien bejn il-kumpannija konvenuta fuq naha u Melvin Borg fuq in-naha l-ohra. Infatti, tikkontendi l-konvenuta, fuq tali ftehim hemm isem u kunjom l-istess Melvin Borg,

---

[4] Maghmula fl-udjenza tal-11 ta' Novembru, 2019, izda li ma gewx rekordjati.
[5] Kopja ta' tali specifikazzjonijiet *a fol.* 4.
[6] Kopja tal-ftehim *a fol.* 3.
[7] Ara verbal tal-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2019 fejn hemm registrat hekk: "*F'dan l-istadju, Dr. Rachel Tua, ghan-nom tas-Socjetà Konvenuta, qeghdha formalment tirrinunzja u tirtira t-tieni eccezzjoni mqanqla mis-Socjetà Konvenuta.*" (*a fol.* 20).
[8] Dwar in-nozzjon ta' kapacità processwali u legittimazzjoni attiva/passiva, issir referenza ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal *in re* **Jacqueline Rasenberg v. AM Language Studio** (Procedura Ewropea Ghal Talbiet Zghar, 11 ta' Gunju, 2020).

l-indirizz personali tieghu (mhux l-ufficcju registrat tal-kumpannija) u n-numru tal-karta ta' l-identità tieghu (mhux in-numru ta' registrazzjoni tal-kumpannija).[9]

Madanakollu, it-Tribunal ma jikkondividix tali linja difensjonali peress li l-provi juru xort'ohra.

Il-ftehim bl-iskritt konkjuz bejn il-partijiet datat 30 ta' Ottubru, 2018 jispecifika car illi l-kumpratrici hi «Melvin Borg Concrete Worls Ltd» u mhux «Melvin Borg». Kif gie muri fil-kors tal-proceduri, l-indirizz registrat tal-kumpannija attrici huwa «Bambina, Triq is-Silg, Marsaxlokk»[10] u dan huwa l-istess indirizz li gie mnizzel fuq l-imsemmi ftehim.[11] Tali indirizz ilu jappartjeni lill-kumpannija attrici sa minn Ottubru, 2013[12] u cioè madwar hames snin qabel l-odjerna kontrattazzjoni. Addizzjonalment, referenza ssir ghall-kopja tac-*cheque* illi biha thallas id-depozitu ta' €1,000.00c lill-konvenuta.[13] Dan huwa mahrug mill-kumpannija «Melvin Borg Concrete Worls Ltd» bhala entità kummercjali u mhux minn «Melvin Borg». Issa, huwa minnu li fuq il-ftehim relattiv hemm imnizzel in-numru tal-karta ta' l-identità ta' Melvin Borg u mhux in-numru ta' registrazzjoni tal-kumpannija attrici, izda dan il-fattur wahdu ma jfissirx li l-kumpratur huwa Melvin Borg *in personam*. Mill-assjem ta' dawn il-fatturi – mehuda lkoll flimkien u mhux b'mod spezzettat jew individwali – hemm informazzjoni u indikaturi sufficjenti li jindikaw li l-kumpratur fuq tali ftehim hija tassew «Melvin Borg Concrete Worls Ltd» bhala entità kummercjali u mhux «Melvin Borg» bhala individwu.

Fid-dawl ta' dak appena rilevat, b'self mis-sentenza *in re* **Carmelo *sive* Charles Baldacchino v. Giuseppe Arcidiacono** (Appell Superjuri, 17 ta' Jannar, 2007), it-Tribunal ikollu jistqarr illi, "*Jekk il-konvenuti ghadhom jaħsbu li l-kawzi jintrebhu u jintilfu għax xi ħadd għamel punto fejn kellu jagħmel virgola, mela għadhom ma fehmux li l-ligi tagħti aktar siwi lill-bona fides milli lill-formalizmu, kif jixhed car l-Art. 993 tal-Kodici Civili. Ma taħrabx mill-obbligazzjonijiet tiegħek għax l-attur jismu Carmelo flok Charles* […] *Jekk il-kawzi fil-fehma tal-konvenuti għandhom jintrebħu u jintilfu għax issir 'akka' zejda mela hemm baħar jaqsam bejn il-ligi bħala strument tal-gusitizzja kif tifhimha din il-Qorti u l-ligi bħala nassa u strument għal min irid jaħrab minn dmirijietu kif jifhmuha l-konvenuti. Il-ligi trid is-sewwa,*

[9] Ara nota spjegattiva dwar l-ewwel eccezzjoni prezentata fil-11 ta' Marzu, 2019 mill-konvenuta (*a fol*. 15).
[10] Dan huwa l-istess indirizz residenzjali tad-direttur Melvin Borg hekk kif jixhdu d-dokumenti ezibiti fl-udjenza tas-7 ta' Mejju, 2019 (*a foll*. 32–34).
[11] Fuq tali ftehim l-indirizz huwa muri hekk: «82, Bambina, Triq Tas-Silg, M'Xlokk».
[12] Ara kopja ta' 'Form K' ezibita mill-attrici *a fol*. 48.
[13] Ara kopja ezibita *a fol*. 47.

*mhux li twaqqa' lin-nies f'xi nassa*."[14] In aggjunta, u konsonu mat-taghlim appena citat huwa dak riportat fil-kawza *in re* **Lawrence Farrugia *sive* Gatt v. Dottor Vladimir Formosa nomine et** (Prim'Awla, 29 ta' Jannar 1970; mhux pubblikata) fejn inghad li, "*Il-ligi, konsistentement mal-gustizzja u mas-serjetá u dinjitá taghha, ghandha sservi ta' strument socjali kostruttiv, li biha n-nies ghandhom dritt jinqdew b'mod prattiku li jirrendi l-frott u hajja mhux dewmien evitabbli u ariditá li jiddispraw lil dak li jkun u jikkreaw ostilitá u scetticismu fil-poplu kontra l-ligi."* B'dan kollu t-Tribunal ma qedx jghid li t-tematika tal-legittimità attiva (jew passiva) hija bla ebda fundament guridiku fl-odinament patriju jew li din tista' tigi skavalkata b'leggerezza mill-gudikant jew b'xi manjiera sostitwita b'xi sens ta' gustizzja ekwitattiva.[15] Li qed jinghad hawnhekk huwa solament illi fid-dawl tal-provi mressqa f'dan il-kaz, tali eccezzjoni tippekka mill-forza taghha u dan ghax l-evidenza sottomessa turi xenarju divers minn dak allegat mill-kumpannija mharrka li qed tikkontendi li nnegozjar sehh ma' persuna fizika u mhux ma persuna guridika.

In vista ta' dan kollu, l-ewwel eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta mhux meritevoli li tigi milqugha u ghalhekk qed tigi respinta.

Kif inghad aktar kmieni, il-konvenuta illimitat id-difiza taghha ghal eccezzjoni wahda biss (dik preliminari) u din giet appena deciza. Fil-mertu l-konvenuta ma tikkwerela xejn mill-istanza attrici u dan peress li t-tieni eccezzjoni taghha giet irtirata fil-mori tal-procediment kif diga' deskritt *supra*.

Issa, skond kif provdut fl-Art. 728(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 731 tal-istess Kodici, "*l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji*." Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 728 illi "*ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza*". L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fin-nota jew fir-risposta. L-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell *in re* **John Mary Vella et v. Winston Azzopardi noe** tas-6 ta' Ottubru 1999, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota ta' l-eccezzjonijiet (f'dan il-kaz r-Risposta), oltre li kellha ssir fil-

[14] Ara wkoll, ghal dak li jiswa, *in re* **Carmelo Galea et v. Guido Vella et** (Appell Superjuri, 16 ta' April, 2004) u *in re* **Maria Carmela Vella et v. Anton Galea et** (Qorti tal-Magistrati [Ghawdex], 23 ta' Ottubru, 1991).

[15] Infatti fid-decizjoni ta' dan it-Tribunal *in re* **Jacqueline Rasenberg v. AM Language Studio** (gja' citata *supra*), tali tematika giet affrontata u diskussa *funditus* minn dan it-Tribunal b'mod *ex officio*, fejn l-importanza taghha f'kull procediment giet enfasizzata.

forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 u dawk taht il-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta (inkluza l-L.S. 380.01), kellha tassattivament issegwi r-regola normattiva kontenuta fl-imsemmi Artikolu 728(1). Li jfisser li min ikun imsejjah f'gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "kollha", sew dilatorji, sew dwar il-meritu. Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jippreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita tant li jinsab mghallem li l-ligijiet u n-normi ta' procedura "*si debbono osservara alla lettera e non per equipollens*" (*vide*, fost diversi, id-decizjoni riportata f'*Kollezz*. **Vol.XVIII–I–879**).

Fil-kaz prezenti l-unika eccezzjoni da parti tal-konvenuta kienet dik li tikkwerela l-legittimità attiva tal-parti attrici. Hi ma ressqet l-ebda eccezzjoni ohra, lanqas wahda fil-meritu. Kienet dik biss (dwar il-legittimità attiva) l-uniku mezz ta' difiza mressqa mill-konvenuta, u l-gudikatur sedenti gie msejjah biex jezamina u jivvaluta dik biss.[16] Minn tali atteggjament processwali wiehed jiddezumi li l-istess konvenuta ma kinitx qed tikkontesta l-mertu tal-vertenza jew tikkwerela xi aspett minnu, sia procedurali u sia sostantiv. Li kieku dan kien hekk, l-istess konvenuta kienet tissenjalah fir-risposta taghha u certament ma tirripudjahx jew formalment iccedieh tramite d-difensur taghha.[17]

Ghalhekk, michuda tali eccezzjoni preliminari dwar legittimità attiva, u valutati l-provi mressqa, jidher li l-istanza attrici ghandha tigi akkolta.

Is-socjetà attrici ressqet kopja tal-ftehim li kien jorbot lill-partijiet li fih hemm it-termini u kundizzjonijiet bejn il-kontendenti u li hu sottofirmat minn entrambi l-kontendenti fil-vesti rapprezentattiva taghhom.[18]

Il-kuntratt jiggenera bejn il-partijiet, awturi liberi tieghu, vinkolu guridiku u tali legam guridiku jipproduci effetti li jitraxxendu l-volontà tal-partijiet, liema effetti jridu jigu minnhom subiti u liema effetti, salv kazijiet eccezzjonali, ma jistghux jigu respinti jew unilateralment modifikati. Dan ghax il-kuntratt jimplika akkordju, cioè

---

[16] Sitwazzjoni simili sehhet fil-kaz *in re* **Pace Associates Limited v. Drawing Techniques Limited** (Appell Inferjuri, 7 ta' Dicembru, 2005); *in re* **J. Zammit Limited v. Josephine Borg** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 4 ta' Ottubru, 2018) u *in re* **GO plc v. Miguel sive Michael Degiorgio** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 4 ta' Frar, 2020).
[17] Ara verbal tal-udjenza tat-12 ta' Marzu, 2019 fejn hemm registrat hekk: "*F'dan l-istadju, Dr. Rachel Tua, ghan-nom tas-Socjetà Konvenuta, qeghdha formalment tirrinunzja u tirtira t-tieni eccezzjoni mqanqla mis-Socjetà Konvenuta.*" (*a fol*. 20).
[18] Ara *a fol*. 3.

l-volontà tal-partijiet li jaccettaw programm specifiku definit f'regolament kontrattwali minnhom imfassal u li ghalih jissottoskrivu.

Dan hu proprju dak li ghamlet il-konvenuta f'dan il-kaz. Is-sottoskrizzjoni taghha ghall-ftehim m'ghandhiex tfisser biss li hi merament kienet qed tirrikonoxxi l-paternità taghha vis-à-vis il-ftehim formalment redatt, izda wkoll li l-firma taghha tissimbolizza, u intrinsikament tfisser, ir-rabta taghha *versu* l-obbligazzjoni jew l-obbligazzjonijiet li ghaliha assoggettat il-kondotta taghha minn dak il-mument lil hinn. L-obbligu primarju taghha kien li tikkonsenja lill-attrici oggett skond il-pattwizzjoni riflessa fil-ftehim tat-30 ta' Ottubru, 2018 u li meta hi taghmel dan tkun intitolata li tezigi l-hlas ghal dak l-adempiment.

Madanakollu, hareg mill-provi illi l-oggett mertu tal-kontrattazzjoni (ossia l-vettura specifika), ma' setax jigi mghoti lill-attrici u dan peress li l-istess kien lahaq inbiegh lil terzi.[19]

Hawnhekk ninsabu fil-kamp ta' l-adempiment ta' obbligazzjoni prekostitwita bejn tnejn min-nies. Obbligazzjoni kontrattwali, min-natura taghha u implicitament fiha, tipresupponi, u taghti lok ghal, l-adempiment taghha. Il-konsegwenza negattiva, ossia n-nuqqas f'tali kondotta, tissarraf fl-inadempiment, dik li dottrinalment hi deskritta bhala "*la mancata o inestatta esecuzione della prestazione dovuta*".[20] Fuq wicc ta' l-istess munita ghandna l-adempiment u fuq il-wicc l-iehor ghandna l-inadempiment.

L-adempiment jikkonsisti f'ezekuzzjoni a favur tal-kreditur tal-prestazzjoni dovuta mid-debitur. L-adempiment jestingwi l-obbligazzjoni u cioè l-kreditur jkun sodisfatt u d-debitur jisfa liberat mill-vinkolu. Biex dan ikun hekk, l-adempiment irid ikun ezatt u cioè konformi ghal dak indikat a bazi ta' l-obbligazzjoni bejn il-partijiet; intier u cioè konformi ghan-normi mifthema, generici jew specifici, ta' kwalità u kwantità; fil-post jew fiz-zmien previsti ghall-adempiment ta' l-obbligazzjoni.[21] Min-naha l-ohra, l-infrazzjoni ta' l-adempiment taghti spazju ghall-inadempiment kontrattwali, ossia id-devjazzjoni fil-kondotta ta' kontraent di fronti ghal dak il-programm stabbilit fil-legam li jorbot il-kontraenti. Tali devjazzjoni taf tirrigwarda l-entità tal-prestazzjoni (taghti jew taghmel anqas minn

[19] Ara deposizzjoni ta' Clifton Grima tas-7 ta' Mejju, 2019 (*a tergo* ta' *fol*. 25) u ara *screenshot* ta' messagg *a fol*. 31.
[20] **Luigi Viola**, "Inadempimento Delle Obbligazioni" (CEDAM editori, 2010; p. 69).
[21] Ghal approfondiment ara "Inadempimento Delle Obbligazioni" ta' **Luigi Viola** (CEDAM editori, 2010; p.67 *et seqq*.).

dak kontrattat); il-mod (taghti jew taghmel aghar minn dak kontrattat); jew iz-zmien (tonoqs milli taghti jew taghmel fil-hin dak mifthiem).[22]

Id-depozitu fl-ammont ta' €1,000.00c moghti mill-attrici lill-konvenuta kien proprju sabiex il-ftehim dwar oggett partikolari jigi sigillat, li jintitola lill-attrici jkollha grad ta' serhan tal-mohh li kkonkludiet negozju bil-ghan li tottjeni dak negozjat/pattwit u lilha promess [i.e., il-veikolu partikolari Nissan NV200 Crew Cab (BK65CGU), skond specifikazzjonijiet partikolari] minghand il-konvenuta. Il-fatt li l-konvenuta ma onoratx tali obbligu [i.e., li gibb mill-esteru u tikkonsenja l-veikolu skond specifikazzjonijiet partikolari], oggettivament ifisser li hi vjolat il-kuntrattazzjoni ezistenti bejn il-partijiet.

Fin-nuqqas ta' provi idoneji li jiggustifikaw tali agir min-naha tal-konvenuta,[23] tali ghemil hu klassifikabbli bhala inadempiment kuntrattwali da parti taghha. Bhala konsegwenza, l-Art. 1125 tal-Kodici Civili jghid illi, "*Kull minn jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni.*" F'dan il-kaz, id-danni li huma reklamati mill-kumpannija attrici huwa r-rimbors tas-somma ta' €1,000.00c rapprezentanti d-depozitu akkont mghoddi u mhllas lill-kumpannija konvenuta u l-imghax fuqu kif domandat. M'hemm l-ebda raguni ghaliex il-konvenuta ghandha tibqa' zzomm ghandha l-imsemmi depozitu galadarba l-oggett tal-kuntrattazzjoni bejn il-partijiet ma jistax javvera ruhu.[24]

Mill-provi kollha rakkolti u meqjusa, hi l-fehma kunsiderata tat-Tribunal li l-istess huma tajbin u sufficjenti biex – anke bl-adoperu tad-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal *ex lege* skond l-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta u wkoll b'applikazzjoni ta' l-Art. 9(2)(b) ta' l-istess Kapitolu – jgieghluh jinklina lejn l-akkoljiment tat-talba attrici kif promossa.

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-unika eccezzjoni tal-kumpannija konvenuta u filwaqt li ma jiehux konjizzjoni tat-

---

[22] Ghal studju ulterjuri fuq din il-materja ara "La Risoluzione Per Inadempimento" ta' **Marco Rossetti** (Giuffrè editori, 2012; p. 99 *et seqq*.).

[23] Partikolarment ghaliex il-konvenuta ghazlet, ghal xi raguni, li ma tressaqx provi f'din il-kawza (salv li wettqet xi kontro-ezami tax-xhieda mressqa mill-attrici). F'dan is-sens ara l-verbali ta' l-udjenza tal-11 ta' Lulju, 2019 (*a fol*. 49), tat-30 ta' Ottubru, 2019 (*a fol*. 50) u tal-11 ta' Novembru, 2019 (*a fol*. 53). Fl-ahhar imsemmija udjenza, it-Tribunal kien akkorda lill-konvenuta l-fakoltà li tressaq rikors sabiex itirregola ruhha, izda, ghal xi raguni, l-istess ma avallatx ruhha minn tali opportunità (ara senjatment *a fol*. 54).

[24] Li kieku kien hemm eccezzjoni partikolari f'dan is-sens jew inkella li kieku tressqet kontro-talba bit-talbiet appoziti, il-konkluzjoni, jista' jkun, setat kienet diversa. Izda f'dan il-kaz it-Tribunal ghandu jistrieh unikament u esklussivament fuq dak specifikatament domandat u dak partikolarment eccepit. Bhala ezempju (u ezempju biss), wiehed hu mistieden jara d-decizjoni *in re* **Joseph Azzopardi v. Alan Ellul** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 30 ta' April, 2019) li wkoll kienet titratta kwistjoni fuq rifuzjoni ta' depozitu fuq bejgh ta' vettura u, inoltre, dik il-filosfija ta' hsieb addottat fis-sentenza *in re* **Impel Communications Co. Ltd v. Gerard Attard et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 15 ta' Ottubru, 2018).

tieni eccezzjoni ghax giet irtirata fil-mori tal-kawza, qed jilqa' t-talba ta' l-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta biex thallasha s-somma ta' elf ewro (€1,000.00c), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq tali ammont jibdew jiddekorru hekk kif mitlub fl-Avviz tat-Talba, cioè mit-30 ta' Ottubru, 2018, sad-data tal-hlas effettiv u finali.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, kif mitlub fl-att promotur, huma kollha a kariku tal-konvenuta.

***ft*. AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
*Gudikatur*

***ft*. ADRIAN PACE**
*Deputat Registratur*